# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 21 ta' Mejju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 294/2023 CL

**Jane Mizzi (KI nru: 435848M)**

**VERSUS**

**Charlot Dimech (KI nru: 0176680M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Awwissu, 2023 fejn intalab sabiex il-konvenut jig ordnat jhallas l-ammont ta' €1,600 flimkien mal-ispejjez u bl-imghax fuq l-ammont dovut, mid-data tal-ittra ufficjali wara li l-attrici kienet inkaggat lil-kovenut sabiex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fil-propjeta taghha. Liema xoghol ma sarx kif titlob s-sengha u l-arti tant illi wara maltempata t-tikhil kien waqa' u rega' dahal l-ilma. L-attrici kellha tingagga lil haddiehor biex jirranga x-xoghol tal-konvenut stante li x-xoghol ma sarx kif suppost.

Ra r-risposta ipprezentata fil-15 ta' Settembru 2023, fejn primarjament ikkontesta l-azzjoni li hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li kien ghamel xoghol ta' tikhil u tibjid. Illi minghjar pregudizzju ghals-suespost ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u dan kif gie ikkonfermat mill-perit ingaggat mir-rikorrenti stess.Ghalhekk it-talbiet rikorenti ghandhom jigi michuda.

Fis-17 ta' Jannar 2024 giet ipprezentata l-affidavit tal-attrici fejn spjegat illi hija l-propjetarja tal-fond 16, Saviour House fi Triq Gianmari Dalle-, Hal-Ghaxaq u kienet qabdet lil Charlot Dimech biex jaghmlilha xi xoghol ta' zebgha u manutenzjoni tal-appogg u tas-saqaf tal-gallarija, li kien taha stima ta' €1650, izda kienu ftehmu fuq €1600. Ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti ghax wara l-ewwel maltempata it-tikhil u z-zebgha waqghu kollu u beda jidhol l-ilma u bdiet hierga l-moffa. B'hekk kellha thallas persuna ohra spejjez ohra fl-ammont ta' €1500 li kellu jiftah il-fili tal-appogg kwazi kollha u kellu jerga' jaghmel il-manutenzjoni tal-gallarija. Illi mis-saqaf tal-konkos tal-gallarija qieghed jidhol l-ilma ghalkemm Charlot kien suppost ghamlilha dan ix-

xoghol izda il-gallarija trid titkisser u jsir wiehed mill-gdid. Hi ipprovat taghmel kuntatt ma Charlot biex jsewilha jew jaghtiha l-flus lura izda ma kienx qieghed jirrispondiha.Fil-kontro ezami tghid illi kien hemm perit li kien mar id-dar taghha meta kien ghamel ix-xoghol Charlot, tahseb li jismu Kurt Sammut Alessi li kien qal illi x-xoghol ma kienx tajjeb ghax l-ilma kien jcarcar mal-hgieg tal-gallarija.Kienet qabdet xi persuna jismu Vince Vassallo qabel Charlot u ukoll ma kienx ghamlilha xoghol sew. Wara Charlot qabdet lil persuna ohra Mario li ukoll m'ghamlilhiex xoghol sew. Hi riedet li jaghtu l-gallarija lixxa izda ghamluhielha bil-konkos. Giet ipprezentata vera kopja tal-ittra ufficjali numru 1283/23.

Xehed Charlot Dimech fit-13 ta' Novembru 2024 illi t-tifel ta' Jane Mizzi, Silvio li kien habib tieghu kien qallu biex jaghmel xi xoghol lil ommu u hu kien mar biex jara x-xoghol fejn Jane qaltlu li kellha gallarijia u appogg. L-ewwel urietu s-saqaf u qaltlu li kien hemm toqba fis-saqaf minn fejn kien diehel l-ilma, hu qalilha li x-xoghol kien sew u ma kellhiex ghalfejn taghmlu izda hi insistit. Fuq l-appogg qalilha li hu ma jaghmlux dak ix-xoghol ghax titlalu l-pressjoni izda qalilha li kien jaf zewg sirjani u hu kien ser jkun maghhom. Kera cherry picker biex jaghmel ix-xoghol tal-gallarija u qaxxar il-gallarija u ghamlilha daqxejn qlieb fil-gnubijiet ghal-ilma biex jinzel l-ilma. Ghamel ix-xibka tal-fibre u taha zewg pulzieri konkos u halliha tinxef u taha l-istabilizer u tefalha bhad-drapp tal-fibre u liquid membrane u wahluha biz-zebgha stess. Is-sirjani aghmlu l-appogg u bajduha ukoll u kienu lesti. Kif kienu lesti qaltlu saqsietu biex jaghmlilha l-kamra tas-sodda u l-gallarija minn gewwa u acceta li jaghmilhomlha ukoll. Fil-kamra tas-sodda kellha l-hsarat fil-konkos u x-xibka u ghamlilha ta' kontra s-sadid u darilha bit-tikhil u bajjadilha u kienet kuntenta u halsitu €1600. Wara xi xahar cemplitlu biex tghidlu li s-sirjani kienu qacctulha l-pajpijiet u regghet cemplet f'Settembru 2021 u qaltlu li kienet qieghda tibza' li taqa' l-gallarija u hu accertha li x-xoghol kien sar sew. Wara kienet cemplitlu li dahlilha hafna ilma u hu mar jittawwal u qaltlu li kien hemm il-membrane maqlugh u hu sab li kien hemm *cable tie* imqaccat u ittawwal min fejn qaltlu li dahal l-ilma u sab l-ilma fuq is-soll tal-kamra tal-banju. Hu qalilha li kien qieghed jidhol l-ilma ghax il-hgieg kien jicaqlaq u kien minghajr stock. Hu ma kienx ghamel xoghol fuq din it-tieqa li kienet tghati ghal fuq is-shaft. Reghhet cemplitli wara xi zmien u qaltlu li l-fili tal-appogg kienu miftuhim u hu mar jittawwal ma' wiehed mis-sirjani li kienu hadmu u ma sabu xejn hazin Jane qaltlu li kienet ser ggib perit u hu kien prezenti li qal illi x-xoghol kien tajjeb u regghet gabet il-perit u gie l-avukat u meta qaltlu li qieghed jidhol l-ilma mill-gallarija qalilha li mill-hgieg kien qieghed jidhol ghax il-hgieg kien minghajr lastiku u l-gallarija jkollha groove biex jcarcar u l-avukat qallu biex jirrangalha izda hu qal li ma riedx jahdmilha izjed u kien hemm persuna jahdmilha u ghajjatlu u qallu biex jaqla' l-hgiega tal-aluminium u jaghtiha daqqa ta' chaser u tah €50 minn butu. Ix-xoghol kien sar bejn 28 ta' Gunju 2021 sal-1 ta' Lulju 2021.

Xehed il-Perit Kurt Sammut Alessi xehed fid-29 ta' Jannar 2025 u gharaf lil Jane Mizzi ghax kien acceda fuq il-post taghha xi tlett darbiet ghax kien hemm xi xoghol fuq il-gallarija li kellha xi hsarat izda dan kien xi erba' snin ilu u ghalhekk ma jiftakarx id-dati izda ma jiftakarx ezatt u darbtejn minnhom kien hemm Charlot Dimech. L-ilment tal-attrici kien li kien jcarcara l-ilma ghax minn taht kien maqsum u kien jcarcar ukoll mal-faccata. Kien ghal bidu tal-2022.

**Ikkunsidra;**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenut kien gie inkarigat biex jaghmel xi xogholijiet fuq il-gallarija u l-appogg bejn Gunju u Lulju 2021 izda l-attrici sostniet li x-xoghol ma kienx sar sew u kellha tqabbad persuna ohra biex jaghmel l-istess xoghol. Il-konvenut min-naha tieghu qal illi t-talba kienet preskritta taht l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi,bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika,għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jewtal-materjal li jfornu;*

Dan l-artikolu jghodd ghal bennejja, bajada, haddieda etc li jkunu qeghdin jitolbu l-hlas ghax xoghol minnhom imwettaq, izda fil-kaz odjern, l-attrici ma kinitx qieghda titlob il-hlas ghax-xoghol mwettaq minnha, ghax hi la kienet bennejja u lanqas bajjada izda hi kienet qieghda titlob li l-konvenut jhallasha lura l-ammont ta' €1,600 stante li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti u kellha tingagga lil haddiehor. Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Illi jirrizulta illi wara xi xhur l-attrici kienet regghet ghamlet kuntatt mal-konvenut fejn ilmentat li kien rega' dahal l-ilma mill-gallarija. Skond l-attrici kellha terga' tqabbad persuna ohra biex taghmel ix-xoghol ghalkemm din il-persuna ma xehditx quddiem it-Tribunal u lanqas ma giet ipprezentata l-ircevuta li ghamlet referenza ghaliha l-attrici fl-affidavit. Illi ghalkemm xehed il-perit, ma indikax fejn kien sar hazin ix-xoghol u xi spejjez kien hemm bzonn biex dawn jigu indirizzati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jichad l-eccezzjoni preliminajra tal-konvenut u jichad it-talbiet attrici minhabba nuqqas ta' prova. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithalsu mill-attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**